MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 236/2011

**Joseph Borg, magħruf bħala Joseph Borg Pardo, Stephanie Borg magħrufa ukoll bħala Stephanie Borg Pardo f'isimhom proprja u bħala kuraturi *ad litem* tat-tifel minuri tagħhom Luca Stefano Borg magħruf ukoll bħala Luca Stefano Borg Pardo, u tal-minuri Martina Elena Borg magħrufa wkoll bħala Martina Elena Borg Pardo**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi l-esponenti Joseph Borg, magħruf bħala 'Joseph Borg Pardo', twieled nhar il-25 ta' Novembru, 1960 kif jirriżulta

mill-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta’ Iskrizzjoni sebat’elef u disa’ mija u erbgħa u sittin tas-sena elf disa’ mija u sittin (7964/1960), illi kopja tiegħu qed tiġi annessa, esebita u mmarkata bħala Dok A;

Illi għalkemm fl-imsemmi Att tat-Twelid l-esponenti huwa indikat bħala ‘Joseph Borg’, l-istess esponenti minn dejjem kien imsejjaħ u magħruf bħala ‘Joseph Borg Pardo’ u mhux ‘Joseph Borg’ u dan kif ser jiġi ppruvat hawn taħt;

Illi minn mindu beda l-iskola primarja, l-esponenti Joseph Borg kien konsistentement magħruf bil-kunjom ‘Borg Pardo’, *stante* illi filwaqt illi l-kunjom ta’ missier l-espontenti Joseph Borg kien ‘Borg’, il-kunjom ta’ xbubit ommu kien ‘Pardo’, u għaldaqstant l-istess esponenti beda jġib il-kunjom ta’ ommu flimkien ma’ dak ta’ missieru;

Illi effettivament, fil-ħajja tiegħu ta’ kuljum, l-esponenti dejjem uża l-isem u l-kunjom ‘Joseph Borg Pardo’ minflok l-isem u l-kunjom ‘Joseph Borg’, liema isem u kunjom ‘Joseph Borg Pardo’ baqa’ jintuża minnu sal-ġurnata tal-lum;

Illi l-istess esponenti minn dejjem kien imsejjaħ u magħruf bħala ‘Joseph Borg Pardo’ u dana fl-atti kollha tal-ħajja ċivili tiegħu, essenzjalment fuq il-karta tal-identita’, kopji ta’ liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok B;

Illi effettivament fil-ħajja tiegħu ta’ kuljum, kemm huwa individwalment kif ukoll bħala familja, l-esponenti dejjem uża l-kunjom ‘Borg Pardo’, minflok il-kunjom ‘Borg’, liema kunjom ‘Borg Pardo’, baqa’ jintuża mill-familja tal-esponenti sal-ġurnata tal-lum (*vide* Dok C, Dok D, Dok E u Dok F);

Illi minn dan isegwi li l-fatt illi l-kunjom ‘Borg Pardo’ li bih huwa magħruf l-esponenti u li mhux annotat fl-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta’ Iskrizzjoni 7964 tas-sena 1960 (7964/1960) immarkat bħala Dok A, qiegħed jikkawża inkonvenjent lill-esponent kemm fil-ħajja privata kif ukoll fil-ħajja soċjali tiegħu;

Illi għaldaqstant jiġi rilevat umilment illi jeħtieġ illi fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' Iskrizzjoni 7964 tas-sena 1960 (7964/1960), issir annotazzjoni fil-marġini taċ-ċertifikat illi tindika illi l-esponenti Joseph Borg, hemm indikat bħala 'Joseph', huwa magħruf ukoll bħala 'Joseph Borg Pardo';

Illi minn dan isegwi li jeħtieġ ukoll illi din l-istess annotazzjoni tiġi riflessa f'kull Att tal-Istat Ċivili relattiv għall-istess esponenti Joseph Borg, fosthom l-Att taż-Żwieġ Iskrizzjoni numru 396 tas-sena 1991 (Dok G);

Illi tali annotazzjoni ċertament illi kieku tiffaċilita l-ħajja tal-esponenti, illi jkollu ta' sikwit isib intoppi u diffikultajiet minħabba illi l-kunjom illi juża ta' kuljum, senjatament 'Borg Pardo', ma jirriflettix dak illi jirriżulta fl-Atti Ċivili tiegħu;

Illi *inoltre* l-istess annotazzjoni mhijiex ser tilledi bl-ebda mod id-drittijiet ta' terzi, b'dan illi għall-kuntrarju ser iservi sabiex tagħti lil terzi informazzjoni iżjed sħiħa dwar l-istess esponenti.

Għaldaqstant, jgħid għalhekk il-konvenut għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-esponenti Joseph Borg ilu sa minn ċkunitu magħruf konsistentament bħala Joseph Borg Pardo;

2. Konsegwentement tordna illi fis-segwenti dokumenti jsiru u jiġu reġistrati l-korrezzjonijiet meħtieġa:

- fl-Att ta' Twelid bin-numru ta' Iskrizzjoni sebat elef u disa' mija u erbgħa u sittin tas-sena elf disa' mija u sittin (7964/1960);

- fil-Karta tal-Identita' 796460M

- fl-Att taż-Żwieġ bin-numru ta' Iskrizzjoni tliet mija u sitta u disgħin tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (396/1991).

3. Konsegwentement tordna illi fis-segwenti dokumenti jsiru u jiġu reġistrati l-korrezzjonijiet meħtieġa:

- fl-Att ta' Twelid bin-numru ta' Iskrizzjoni ħamest elef mija u sitta tas-sena elf disa' mija u erbgħa u disgħin (5106/1994);

- fl-Att ta' Twelid bin-numru ta' Iskrizzjoni tmien mija u ħmistax tas-sena elf disa' mija u tnejn u disgħin (815/1992).

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut illi huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fis-16 ta' Ġunju 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost jiġi preliminarjament rilevat li l-ewwel talba tar-rikorrenti għal dikjarazzjoni li r-rikorrenti Joseph Borg huwa konsistentament imsejjaħ bħala Joseph Borg Pardo għandha tinkludi talba li permezz tagħha r-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li Stephanie Borg, Luca Stefano Borg u Elena Borg huma wkoll konsistentement imsejħin u magħrufin bil-kunjom 'Borg Pardo' u mhux bil-kunjom ta' 'Borg' kif hekk jidher fl-atti tal-istat ċivili rispettivi tagħhom;

3. Illi bla preġudizzju għal fuq imsemmi, preliminarjament ukoll jiġi rilevat li t-tieni talba attriċi rigwardanti l-atti tat-twelid oriġinali tar-rikorrenti Joseph Borg *sive* Borg Pardo li jġib in-numru progressiv

7964/1960 (Dok DRP1) hija insostenibbli *stante* li l-imsemmi Att tat-Twelid ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi inserit il-kunjom tat-tarbija;

4. Illi bla ħsara għal premess dwar it-tieni talba rigwardanti korrezzjoni fil-karta tal-Identita' numru 796460M, wkoll ma tistax tiġi akkolta u dan *stante* li l-intimat huwa kompetenti biss fir-rigward ta' atti tal-istat ċivili u mhux tad-dokumenti pubbliċi kollha;

5. Illi mingħajr ħsara għas-suespost, a rigward it-talbiet rimanenti, l-esponent umilment jirrileva li ġjaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni da parti mill-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku jsegwi li l-ebda korrezzjoni ma tista' tiġi effetwata lill-atti tal-istat ċivili msemmijin fir-rikors ġuramentat ippreżentat mir-rikorrenti skond id-dettami tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk għal kull *buon fini*, l-esponenti jissuġġerixxi li għandha tintalab annotazzjoni fis-sens li fejn jidher Joseph Borg fl-att taż-żwieġ bin-numru 396/1991 (Dok. DRP 2) jiġi miżjud il-kliem ***'magħruf bħala Joseph Borg Pardo'***, u kull fejn jidhru Joseph u Stephanie konjugi Borg fl-att ta' twelid bin-numru 815/1992 (Dok. DRP 3) ta' Martina Elena u l-att ta' twelid bin-numru 5106/1994 ta' Luca Stefano (Dok. DRP 4) jiġi miżjud il-kliem ***'magħruf bħala Joseph Borg Pardo'*** u ***'magħrufa bħala Stephanie Borg Pardo'*** rispettivament.

6. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat id-digriet li permezz tiegħu ġew awtoriżżati l-korrezzjonijiet mitluba;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat civili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi li l-atturi dejjem issejħu bil-kunjom **Borg Pardo** hija ġustifikata għaliex sorretta mid-dokumentazzjoni. Isegwi għalhekk li t-talbiet l-oħra għandhom jiġu milqugħa, *eccetto* dik għat-tibdil fil-karta tal-identita' kif ġustament eċċepixxa l-konvenut. Naturalment għal dawk li huma spejjeż, dawn għandhom jigu sopportati mill-atturi billi l-konvenut ma jaħtix għal dak li ġara.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif korretti – b'eċċezzjoni għat-tibdil fil-karta tal-identita' tal-attur Joseph Borg Pardo.**

**L-ispejjeż tal-kawża ikunu a kariku tal-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------